# L-immigrazzjoni trid tibqa' fuq nett fl-aġenda Ewropea

**Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin, Tonio Borg, waqt djalogu pubbliku organizzat mill-MUESAC qal li l-immigrazzjoni illegali għandha tibqa' fuq nett fl-aġenda tal-UE.**

Sostna li kulma jmur din il-problema qed titfa' pressjoni żejda fuq Malta.

Tonio Borg saħaq li hemm bżonn li jkun hawn mill-ġdid enfasi fuq kampanji ta' edukazzjoni fuq ir-riskju tal-immigrazzjoni illegali. Tonio Borg qal li dawn in-nies jispiċċaw vittmi tat-traffikar tal-persuni.

Hu qal li l-UE trid tindirizza l-oriġini tal-problema fost l-oħrajn f'pajjiżi fejn hemm faqar kbir u fejn hemm kunflitti u gwerer ċivili. Għandha tintensifka l-ħidma biex jinqabdu dawk in-nies li qed jorganizzaw dawn il-vjaġġi illegali fuq il-baħar.

Hu qal li issa huwa importanti li tul dawn ix-xhur, il-patt dwar l-immigrazzjoni jibqa' jiġi implimentat bl-istess ritmu tax-xhur li għaddew. Id-djalogu pubbliku li fih tkellem il-Viċi Prim Ministru kien organizzat mill-MUESAC u fih kienet spjegata l-ħidma tal-Presidenza Ċeka tal-UE.

Waqt li kien qed jispjega l-pjan ta' ħidma għas-sitt xhur li ġejjin, l-Ambaxxatur tar-Repubblika Ċeka għal Malta qal li l-ekonomija, l-enerġija u li l-UE tkun aktar parteċipi fil-politika dinjija huma t-tliet prijoritajiet għall-Presidenza Ċeka.

Hu qal li f'dawn ix-xhur, ir-Repubblika Ċeka se tkompli ssegwi u tieħu azzjoni fuq il-kriżi finanzjarja internazzjonali. Se tkompli l-ħidma wkoll fuq it-Trattat ta' Lisbona. Matul il-Presidenza tar-Repubblika Ċeka, se ssir ukoll l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew. Is-slogan tal-Presidenza Ċeka hu 'Ewropa mingħajr fruntieri'.



Il-President ta' Malta, Eddie Fenech Adami mas-Sindku tal-Iklin, Anthony Dalli jindirizza lil dawk preżenti

# Il-President iżur l-Iklin

**Il-President ta' Malta, Eddie Fenech Adami iddeskriva l-Iklin bħala "Lokalità żgħira, iżda ferm attiva".**

Hu qal dan waqt żjara uffiċjali fl-Iklin li beda l-Erbgħa fil-għaxija. Is-Sindku tal-Iklin, Anthony Dalli ta merħba lill-President u f'diskors tal-okkażjoni għarraf lill-President dwar il-ħidma tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-qofol tal-ħidma tal-Kunsill hu l-familja. Hu faħħar lid-diversi organizzazzjonijiet u lir-residenti tal-identità li taw lil-lokal, li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qiegħed jikber. Filwaqt li elenka l-ħidma tal-Kunsill, Anthony Dalli qal ukoll li grazzi għall-kooperazzjoni mal-Gvern Ċentrali sar ħafna xogħol ta' infrastruttura li qiegħed joffri ambjent isbaħ għar-residenti.

Il-President qal li kemm ilu fil-kariga tiegħu huwa pprova jagħmel kemm jista' jkun żjarat, għax permezz ta' hekk seta' jifhem aħjar lis-soċjetà. Hu qal li din inbidlet bil-kbir, u għalhekk huwa importanti li wieħed jibqa' jsegwi dak li jkun għaddej.

L-identità ta' lokalità hija dik li tagħmilha unika. Però, parti integrali mill-identità hi wkoll il-passat, sostna l-President.

Matul iż-żjara, diversi għaqdiet tal-Iklin kellhom l-okkażjoni jispjegaw il-ħidma tagħhom lill-President. Iż-żjara tal-President fl-Iklin tissokta l-Ħadd.

## IT-TEMP

**IT-TEMP** il-biċċa l-kbira msaħħab, b'ħalbiet tax-xita li kultant jistgħu jkunu bir-ragħad, li jsir ftit imsaħħab
**VIŻIBBILTÀ** tajba, li ssir lokalment moderata f'xi ħalbiet tax-xita
**IR-RIĦ** ħafif u varjabbli, l-aktar mil-Lvant, li jsir ħafif mill-Majjistral fil-għaxija
**IL-BAĦAR** ħafif, li jsir ħafif għal moderat
**IMBATT** baxx għal moderat mil-Lvant, li jsir baxx
**TEMPERATURA** l-ogħla 15°C
**XITA** f'dawn l-aħħar 24 siegħa 10.1mm
Xita mill-1 ta' Settembru 443.4mm

UV INDEX 2

### IL-ĦAMEST IJIEM LI ĠEJJIN

| IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT | IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA |
|---|---|---|---|---|
| L-ogħla 15°C | L-ogħla 15°C | L-ogħla 16°C | L-ogħla 17°C | L-ogħla 17°C |
| UV 2 | UV 2 | UV 2 | UV 2 | UV 3 |

### TEMPERATURI FI BLIET BARRANIN

It-temperatura u t-temp f'dawn l-ibliet kapitali (f'nofsinhar ħin ta' Malta) ilbieraħ kienet: Alġeri 14°C bix-xita, Amsterdam 04°C xemxi, Ateni 17°C ftit imsaħħab, Lisbona 10°C bix-xita, Berlin 02°C imċajpar, Brussell 05°C ftit imsaħħab, Stokkolma -04°C xemxi, Dublin 11°C imsaħħab, Kopenħagen 03°C imsaħħab, Frankfurt 02°C imċajpar, Milan 04°C imċajpar, Istanbul 15°C ftit imsaħħab, Londra 06°C ftit imsaħħab, Malta 10°C bix-xita, Madrid 05°C imsaħħab, Moska -02°C imsaħħab, San Pietruburgu 01°C bix-xita, Barċellona 09°C xemxi, Ruma 11°C bix-xita, Tel Aviv 23°C xemxi, Tripli 16°C imsaħħab, Tuneż 15°C ftit imsaħħab, Vjenna 01°C imċajpar, Zurich 02°C imċajpar, Munich 0°C imċajpar, il-Kajr 26°C xemxi, Pariġi 05°C ftit imsaħħab.

# Ġurnata ta' skola normali

Il-Kunsill tal-Union tal-Għalliema (MUT) ikkonferma d-direttiva li ta lis-*supply teachers, kindergarten assistants, supply learning support assistants*, lill-*kindergarten assistants* regolari u lil-*Learning Support Assistants* li għandhom ċertifikat fl-Edukazzjoni Inklussiva, biex illum il-Ġimgħa jidħlu għax-xogħol sagħtejn tard wara l-ftuħ normali tal-iskejjel.

Dan, minkejja laqgħa informali ta' ħames sigħat li saret l-Erbgħa li għadda u li l-MUT stess iddeskriviet bħala waħda 'pożittiva'. Laqgħa oħra hi ppjanata għal nhar it-Tlieta li ġej.

L-awtoritajiet edukattivi avżaw lill-ġenituri li llum hi ġurnata normali tal-iskola. Il-Kapijiet tal-Iskejjel u l-Assistenti tagħhom, kif ukoll l-għalliema regolari qed jassiguraw li l-lezzjonijiet se jsiru b'mod regolari.








www.eurotours.com.mt
e-mail: info@eurotours.com.mt
EuroTours
21223295 / 21233193 / 25965555